**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 178/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Mario Azzopardi**
**(ID 117295(M))**

**Illum: 28 ta' Frar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Azzopardi** ta' 19 il-sena, iben Victor u Mary nee` Azzopardi, imwieled il-Pieta`, nhar it-3 ta' Marzu 1995, residenti fil-fond numru 26, Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex XWK 9016, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 117295(M);

Akkużat talli fl-1 ta' Ġunju 2014, fl-Armier ġewwa l-Mellieħa, Malta u/jew fi bandi oħra fis-sentejn ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun għamel jew minħabba li jkun jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Talli fl-istess ġurnata, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx bħala vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti, liema attakk jew reżistenza saret minn wieħed jew tnejn minn nies.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2017, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha, fil-waqt illi wieġeb li mhux ħati għat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet[1];

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha[2];

---

[1] Ara a fol. 11 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 28 tal-proċess.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet, b'dan madankollu illi minkejja illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu kemm għall-1 ta' Ġunju 2014, kif ukoll għas-sentejn ta' qabel din id-data, huwa evidenti illi t-tieni imputazzjoni tirreferi speċifikatament għal dak li seħħ fl-1 ta' Ġunju 2014, fil-waqt illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, fl-atti proċesswali ma tirriżulta assolutament l-ebda prova in konnessjoni mas-sentejn ta' qabel l-istess data. Għaldaqstant, l-imputat qed jinstab ħati biss b'referenza għall-1 ta' Ġunju 2014.

Jonqos illi l-Qorti tgħaddi sabiex tikkunsidra t-tielet imputazzjoni ossia dik li tikkontempla r-reat ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **PS 1174 Adrian Sciberras** jixhed illi fl-1 ta' Ġunju 2014 kien hemm *party* ġewwa l-Armier u hu flimkien mal-kollegi tiegħu PC 450 u PS 1587, illum l-Ispettur Ryan Caruana, kienu qegħdin hemmhekk sabiex jagħmlu xogħol ta' tfittxijiet u spezzjonijiet. Jixhed ukoll illi hekk kif kienu qed jagħmlu ronda fil-madwar u ftit 'il fuq mill-bajja, huma raw żewġ persuni li dehru suspettużi stante li kienu bħal qed jgħaddu xi ħaġa lil xulxin u għalhekk iddeċidew li javviċinawhom biex jagħmlulhom tfittxija. Skont ix-xhud, hekk kif huma marru fuqhom u identifikaw ruħhom bħala pulizija, dawn offrew reżistenza. Fil-waqt illi huwa żamm lil ċertu Jonathan Sciberras, il-kollegi tiegħu marru fuq l-imputat odjern. Jgħid illi huwa ra lill-imputat jipprova jirreżisti l-arrest, tant li f'ħin minnhom l-istess imputat u l-Ispettur Ryan Caruana spiċċaw mal-art stante li l-imputat ma riedx iħalli dak li kellu f'idu ossia *key chain* forma ta' bott. Skont ix-xhud, il-kollegi tiegħu bdew jippruvaw jeħdulu dan l-oġġett minn idu, u spiċċaw jitqallbu fl-art. Jgħid ukoll illi hu u l-kollegi tiegħu spiċċaw fuq l-imputat u Sciberras li wkoll beda jirreżisti l-arrest. Jiftakar li sema' lill-Ispettur Ryan jgħid lill-imputat biex jagħtih dak li kellu f'idu, fil-waqt li kienu qed jitqallbu fl-art, tant li eventwalment kellhom jitilgħu wkoll kollegi oħrajn. Ma jafx kif spiċċaw fl-art, iżda jaf li x'ħin l-Ispettur beda jipprova jeħodlu dak li kellu f'idu, l-imputat beda jissara miegħu. Jgħid illi ħin minnhom ra li l-Ispettur kellu d-demm fuq xufftejh, iżda kull ma kien jaf dwar dan kien li l-istess Spettur qallu li l-imputat kien tah daqqa ta' ponn. Eventwalment il-bott

ittieħed minn id l-imputat u rriżulta illi fih kien hemm trab abjad fi kwantita` żgħira.[3]

2. **PC 450 Christopher Bartolo** jixhed illi fl-1 ta' Ġunju 2014, flimkien ma' PS 1174 Adrian Sciberras u PS 1387, illum l-Ispettur Ryan [Caruana] kien qiegħed *extra duty* waqt *party* ġewwa l-Armier, meta ħin minnhom daru dawra man-naħa ta' barra tal-*party* u lemħu żewġ persuni, wieħed minnhom l-imputat odjern, jaġixxu b'mod suspettuż fuq in-naħa ta' barra, viċin il-*party.* Hu u PS 1387 resqu fuqu, infurmawh li kienu pulizija u li kienu ser jagħmlulu tfittxija. Skont ix-xhud, waqt din it-tfittxija, mill-but ta' quddiem tan-naħa tal-lemin ħarġu *keychain* konsistenti f'bott tal-Heineken li kien fih *sachet* bi trab abjad, u hekk kif huma nfurmaw lill-istess imputat li kien ser jiġi arrestat u jittieħed fil-vann, dan sar aggressiv. Ix-xhud jgħid illi l-imputat irreżista l-arrest, tant li weġġa' lis-Surġent Ryan Caruana u ħariġlu d-demm minn wiċċu u eventwalment kellu jmur il-poliklinika. Jispjega li normalment huma ma jużawx manetti waqt l-arrest, sakemm il-persuna ma tirreaġixxix. F'dan il-każ kellhom jużaw "*daqxejn forza mhux hazin*" biex jimmanettjawh għax l-imputat beda jirrifjuta, u fi kliemu jekk ma kienx sejjer żball, laqgħat lis-Surġent f'xofftu. Jgħid illi ma jafx jekk l-imputat għamilx dan apposta jew le, iżda irreżista sewwa tant li weġġa' lis-Surġent.

   In kontro-eżami x-xhud jgħid illi huwa nduna bid-demm fuq wiċċ is-Surġent Caruana wara l-arrest tal-imputat, iżda ma rax lill-imputat jagħti daqqa lill-kollega tiegħu u dan għaliex dak il-ħin huwa kien moħħu f'idejn l-imputat li beda jiġbed idu u bl-oħra jolqot lis-Surġent. Wara l-arrest madankollu, is-Surġent qalilhom illi kien l-imputat li aggredih u qasamlu xofftu. Żied jikkonferma illi s-Surġent ġie mweġġa' waqt illi kienu qegħdin jippruvaw jimmanettjaw lill-imputat.[4]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi l-imputat offra reżistenza fil-konfront tal-pulizija meta dawn ġew biex jagħmlulu tfittxija u sussegwentement, biex jarrestawh.

Dak li jeħtieġ li din il-Qorti tqis u tiddeċiedi dwaru huwa dwar jekk l-aġir tal-imputat jammontax għar-reat mertu tat-tielet imputazzjoni, kif ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9 u dan wara li kif ingħad l-imputat ammetta għar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni li jikkontempla r-reat taħt l-Artikolu 95 tal-istess Kapitolu.

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 12 sa 15 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 23 sa 27 tal-proċess.

Iż-żewġ reati ossia dawk ipoteżżati fl-Artikoli 95 u 96 huma żewġ reati separati u distinti minn xulxin.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2016, fejn ġie ribadit kif isegwi dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali:

> "Illi ma hemmx dubbju illi uħud mill-ingredjenti meħtiega biex jinħmew iż-żewg reati huma identiċi. Dan għaliex dawn ir-reati iridu neċessarjament jiġu kommessi fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku. Issa l-appellanti għandu raġun meta jisħaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iż-żewg reati għalkemm it-tnejn għandhom bħala vittma persuna fil-vesti uffiċjali tagħha.
>
> Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
>
> Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltraġġ fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:
>
> "Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."
>
> Kuntrarjament fiż-żewg istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika."

Dan ir-reat jeħtieġ ukoll illi jiġi mwettaq fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Dwar dan il-Professur Mamo jgħallem illi:

> "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, **provided the offender was aware of his status as such person**."

Is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002, kienet dwar każ li kien jirrigwarda inċident li l-appellant ossia Zahra kellu ma' ċertu Alistair Bianco, li kien jaħdem bħala *ticket inspector*, meta dan tal-aħħar mar biex juri lill-appellant xi biljetti li, skont hu, ma kinux ħarġu kif imiss lill-passiġġieri li kienu fuq ix-xarabank misjuqa mill-appellant. Skont l-appellant, Bianco kważi ħabbat dawn il-biljetti ma' għajnejh u aggredih, fil-waqt illi skont Bianco, kif appena huwa wera dawn il-biljetti lill-appellant u talbu spjegazzjoni, l-istess appellant qam għalih, tah bil-ponn u beda jsabbtu mas-*seats* tax-xarabank. Il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward u dwar l-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 f'dan il-każ:

> "Dana l-artikolu (b'referenza għall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi għall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".
>
> Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi. Ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni." [sottolinear ta' dik il-Qorti]

In oltre fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** tat-12 ta' Settembru 1996, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta qalet hekk:

> "Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi..."

Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino**, huma tliet elementi essenzjali li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9:

> "1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.
>
> 2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".
>
> 3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."

Dan l-artikolu tal-liġi jirrikjedi li l-attakk jew ir-resistenza jkun "bi vjolenza jew b'ħebb". Kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**:

> "Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb."

Illi applikati dawn il-prinċipji legali għall-każ odjern, m'hemmx dubju illi l-Uffiċjali tal-Pulizija illi eżegwew it-tfittxija fuq l-imputat u nfurmawh li kien qed jiġi arrestat, kienu qed jesegwixxu l-liġi fis-sens tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma hemm dubju wkoll illi l-imputat kien jaf li kienu uffiċjali tal-Pulizija, stante li kemm PS 1174, kif ukoll PC 450 xehdu illi huma nfurmaw lill-imputat qabel bdiet it-tfittxija fuqu, illi kienu pulizija. Huwa evidenti wkoll illi l-imputat offra reżistenza bl-użu tal-forza fil-konfront ta' PC 450 u tas-

Surġent, illum l-Ispettur Ryan Caruana, tant illi kif jixhed PS 1174, f'punt minnhom l-imputat u l-uffiċjali tal-Pulizija spiċċaw jitqabdu fl-art u dan għaliex l-imputat kien qed jirrifjuta li jgħaddi dak li kellu f'idu lill-pulizija. Mhux biss, iżda skont ix-xhieda ta' PC 450, kellha tintuża l-forza fuq l-imputat sabiex dan jiġi arrestat, stante li l-imputat kien aggressiv u baqa' jirreżisti – fi kliemu wkoll, fil-waqt illi beda jiġbed id waħda, bl-oħra kien qed jolqot lis-Surġent. Kemm PC 450, kif ukoll PS 1174 jixhdu illi s-Surġent, illum l-Ispettur Ryan Caruana, spiċċa bid-demm fuq wiċċu speċifikatament fuq xofftu, u t-tnejn jixhdu li wara l-arrest, is-Surġent qalilhom li kien ġie aggredit mill-imputat. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi l-istess Surġent baqa' ma xhedx f'dawn il-proċeduri u illi ħadd mill-uffiċjali li xehdu ma ra lill-imputat jolqot lis-Surġent f'wiċċu. F'dan is-sens ix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija dwar dan hija *detto del detto* u għalhekk ma tagħmilx prova tal-veraċita` tagħha, iżda tagħmel prova illi dan il-kliem intqal lilhom mis-Surġent. Fiċ-ċirkostanzi ta' kif żvolġa dan l-inċident u mix-xhieda ta' PS 1174 u PC 450, madankollu, il-Qorti m'għandhiex dubju illi dan kien minnu u illi l-offiża fuq l-istess Surġent ġiet ikkawżata proprju mill-imputat. Tqis fir-rigward in oltre illi wara kollox, l-imputat ammetta għat-tieni imputazzjoni, li tikkontempla proprju l-offiża. Mhux biss, iżda anke jekk mix-xhieda ta' PC 450, jista' jkun hemm dubju dwar jekk l-imputat kellux l-intenzjoni li jweġġa' lis-Surġent – fi kliemu "*Issa jekk hux appost jew le ma nafx*"[5] – biss huwa evidenti illi l-azzjoni jew ir-reżistenza tiegħu kienet tali li kellha l-potenzjalita` li tikkaġuna ħsara lill-istess Surġent.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi kif diġa` ntqal fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, huwa qed jinstab ħati biss b'referenza għall-1 ta' Ġunju 2014 u mhux għas-sentejn ta' qabel din id-data.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, liema fedina penali kienet waħda netta, kif ukoll illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2014 u illi d-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienx attribwibbli fil-maġġor parti tiegħu lill-imputat.

Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi l-piż tas-sustanza mertu tal-ewwel imputazzjoni kien ta' 0.3 grammi u illi għalhekk fir-rigward ta' din l-imputazzjoni għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[5] Ara a fol. 24 tal-proċess.

Qieset in oltre n-natura tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u illi fir-rigward, għandhom japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 17(h), 95 u 96(a) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Mario Azzopardi** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (iżda b'referenza biss għall-1 ta' Ġunju 2014 u mhux għas-sentejn ta' qabel din id-data) u qegħda tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni għall-penali ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75) u fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' sena mil-lum u multa ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dokument JC 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Registratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**